

5 t'ijiem

# Lourdes
## & The French Pyrenees

**Grupp A: 11 – 15 t'April**
**Grupp B: 16 – 20 ta' Mejju**
**Grupp Ċ: 13 – 17 ta' Ġunju**
**Grupp D: 11 – 15 ta' Lulju**
**Grupp E: 05 – 09 ta' Settembru**
**Grupp F: 17 – 21 t'Ottubru**

**LOURDES, GAVARNIE, PONT D'ESPAGNE, TOULOUSE, BETHERRAM CAVES**

### Is-Sibt
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fin-12.30 sabiex nagħmlu ċ-check in għall-flight FR9464 li titlaq fit-14.45 u naslu Lourdes fil-17.15. Transfer bil-kowċ lejn il-Hotel. Sistemazzjoni tal-kmamar u ċena. Wara nieħdu sehem fil-purċissjoni Aux Flambeaux li tibda mill-Grotta sal- Bazilika tar-Ruzarju. Nimxu wara l-istatwa tal-Madonna bix-xemgħa mixgħula waqt li jingħad ir-ruzarju.

### Il-Ħadd
Breakfast u city walking tour ma' **Lourdes** biex inżuru postijiet ta' nteress konnessi ma' Santa Bernardette, fosthom il 'Moulin de Boly' il-post fejn twieldet u għexet Bernardetta sa 10 snin, il-Cachot, u l-knisja Parrokkjali li hija ddedikata lill-Qalb ta' Ġesu'. Lunch fil-Hotel u wara se jkollna eskursjoni għal l-Għerien Betharram, magħrufa wkoll bħala Grottes de Bétharram, huma meravilja naturali affaxxinanti li tinsab fil-Pirinej, li jgħaddu mill-fruntiera Franċiża Spanjola. Huma magħrufa għall-formazzjonijiet spettakolari tal-blat tagħhom, xmajjar taħt l-art, u gallerijif'diversi livelli, li jagħmluhom waħda mill-aktar sistemi ta 'grotta impressjonanti fl' Ewropa.(Entratura extra). Ċena fil-hotel.

### It-Tnejn
Breakfast u ħin għal quddies u wara nofrulkom eskursjoni għal **Gavarnie**, li qiegħed fir-reġjun Hautes Pyrénées fejn hawn ser ingawdu xenarju meraviljuz. Matul din l'eskursjoni nitpaxxew b'ħafna veduti meraviljuzi, raħal tipiku qalb il-muntanji – 1357 metru 'l fuq mill-baħar. Ikollna waqfa fuq Pont du Napolean fejn ngawdu veduti mill-aqwa. Ċena fil-hotel.

### It-Tlieta
Breakfast. Quddies u wara nżuru l-**Grotta ta' Massabielle**, fejn dehret il-Madonna lil Santa Bernardette u nagħmlu l-Via Sagra . Pranzu fil-hotel u wara jkollna eskursjoni għal **Pont d'Espagne**, wieħed mill-aktar postijiet pittoreski fil-Pirenej Franċiżi li jinsab f'nofs natura spettakolari, imdawwar b'**foresti ħodor, xmajjar ċari u waterfalls sbieħ.**



**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Half/Full Board u Taxxi inklużi)

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €845 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €845 |
| Kamra ta' persuna waħda | €980 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €760 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-Malta Air għal Lourdes
- 20 Kg Checked In Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 iljieli Hotel Saint Sauver viċin il-Bazilika
- Buffet Breakfast kuljum
- Ikel skond il-programm (5 ikliet ta' filgħaxija + 2 ikliet ta' nofs in-nhar)
- Taxxi u Service Charge
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
*City Tax
*Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc
*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.



### L-Erbgħa
Breakfast u check out tal-kmamar. Wara se jkollna ġurnata oħra mill-isbaħ għall-belt ta' **Toulouse** li hi r raba' l-akbar belt ġewwa Franza. Jkollna city tour biex naraw iċ-ċentru storiku u niskopru l-monumenti u l-postijiet ewlenin tagħha, tour iggwidat li jagħtik ħarsa ġenerali tajba fuq il 'Pink City' u l-istorja tagħha. Nżuru il-baċieri tad-Daurade fuq ix-xtut tal-Garonne, il-Pont Saint Pierre b'veduta mill-isbaħ tal-Koppla tal-isptar La Grave u l-ftuħ fuq il-kanal ta' Breenne, il-kunvent tal-Ġakobini mibni fis-seklu XIII. Wara jkollna ħin liberu għal ikel u biex idduru toroq u ħwienet sbieħ ta'din il- belt. Nkomplu lejn l-ajruport ta' Lourdes għat titjira lejn Malta ma FR9245 li ttir fil-22.45 u naslu Malta fis-01.10.